MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 940/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**vs**

**Ibrahim Efrem**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Ibrahim Efrem** ta’ hmistax-il (15) sena, bin Ibrahim u Ayelech, imwieled l-Eritrea fid-9 ta’ Mejju 1999 u residenti is-Sudan gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fis-27 ta’ Settembru 2014 iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Ibrahim Efrem rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta’ Malta).
2. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta’ Malta).
3. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat illi waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2014 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

Rat li fl-istess seduta il-Qorti ordnat li jigi redatt *pre-sentencing report* stante li l-imputat huwa minuri;

Fis-seduta tal-lum semghet bil-gurament lill-Probation Officer Gordon Grech li pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok GG1.

Semghet lill-imputat fis-seduta tal-lum jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu li hija wahda netta, il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll il-fatt li l-imputat, skond dak dikjarat minnu, ghadu minuri. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha timponi fuq l-imputat sanzjoni komunitarja fil-forma ta' ordni ta' *probation.*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kaptiolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 32 (1) (d) tal-Kapitolu 217 ta-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Ibrahim Efrem** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn (2) u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta’ Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex ikun jista’ jassenja ufficjal tal-*probation* li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------